MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-19 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 1539/1993/1

**Angelo Spiteri**

**vs.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bhala Chairman, ghan-nom u in rappresentanza tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Dana l-appell hu identiku ghal dak deciz illum stess fl-ismijiet ***Nazzareno Abela v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et.*** (Citaz 1540/93 GV). Is-sentenza appellata tghid hekk:

Is-sentenza appellata tghid hekk:

**“Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi bis-sahha ta’ ittra datat 27 ta’ April, 1993 (dok X) lilhu mibghuta mill-Awtorita’ Dwar it-Trasport Pubbliku, bil-firma tal-General Manager Peter Paul Ripard, l-attur inghata permess jimporta f’Malta tlett “open top buses” biex jintuzaw ghal xoghol ta’ trasport privat, basta li jigu osservati il-kundizzjonijiet hemm stipulati, liema kondizzjonijiet fil-fatt gew accettati mill-istess attur.

Premess illi a bazi tal-awtorizzazzjoni lilhu mghotija kif premess, l-attur effettivament importa f’Malta tlett “open top buses” li gew regolarment sdoganati, wara li thallas id-dazju relativ, u llum jinsabu fil-pussess tal-istess attur.

Premess illi minkejja li tali “open top buses” ilhom hawn Malta, fil-pussess tal-attur, ghal aktar minn xahrejn hu ghadu impossibilitat milli jaghmel uzu minnhom ghall-iskop li ghalih gew akkwistati stante li tali vetturi ghad m’ghandhomx in-numru ta’ registrazzjoni Maltija.

Premess illi l-ghoti ta’ tali numru ta’ registrazzjoni jispetta lill-konvenuti il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Awtorita’ dwar it-Trasport Pubbliku, liema Awtoritajiet gew ripetutament mitluba mill-attur sabiex jaghtuh in-numri ta’ registrazzjoni mehtiega, izda sallum baqghu inadempjenti.

Permess illi dan id-dewmien da parte tal-konvenuti hu ghal kollox ingustifikat u qed jikkawza danni ingenti lill-attur li hu kostrett izomm fil-garage tieghu tali “open top buses” minghajr ma jista’ jutilizzahom ghall-iskop li ghalih gew akkwistati u ghal liema skop hu inghata permess specifiku mill-konvenut Michael Seychell nomine.

Premess illi evidentement ghal tali nuqqas ta' koncessjoni tal-imsemmija numri tar-registrazzjoni Maltija huma responsabbli fil-konfront tal-attur il-konvenuti, li huma tenuti jikkoncedulu tali numri ta' registrazzjoni minghajr ulterjuri dewmien.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti, prevja occorrendo dikjarazzjoni li huma jew min minnhom huma tenuti jikkoncedu lill-atturi in-numri ta' registrazzjoni maltija opportuni sabiex huwa jkun jista' jaghmel uzu regolari mill-“open top buses” fuq indentifikati ghall-iskop li ghalih gew akkwistati u ghal liema skop hu wkoll inghata permess specifiku mill-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, ghaliex ghar-ragunijiet premessi:

1. M'ghandhomx jigu kkundannati huma, jew min minnhom, effettivament jikkoncedu lill-attur in-numri tar-registrazzjoni Maltija relativi ghal l-imsemmija “open top buses “ sabiex hu jkun jista' jaghmel uzu minnhom kif premess, u dana taht dawk il-modalitajiet u fi zmien qasir u perentorju li jigu lilhom prefissi u ordnati min din l-Qorti ghal tali skop taht is-sanzjoni tad-disprezz lejn din l-Qorti fil-kaz tal-eventwali indaempjenza da parti taghhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Protest Giudizzjarju datat 12 ta' Novembru, 1993 u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attur kontra l-konvenut, senjatament dik ghad-danni, kontra l-konvenuti, ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** a fol. 11 tal-process fejn eccepixxu:

1. Preliminarjament li l-fatti tal-kawza ma jiggustifikawx smiegh b'urgenza.

2. Illi fl-istat prezenti taghha l-ligi ma tipprovdix ghall-ghoti ta' licenzja ghat-tip ta' trasport pubbliku li jrid jopera l-attur u ghalhekk it-talba ta' l-attur hija infondata.

3. Illi di piu, il-vetturi in kwistjoni ma jikkonformawx mad-dettami tar-regolament 173 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u ghalhekk l-akkoljiment tat-talba ta' l-attur ikun jimporta ksur ta' ligi u t-talba hija ghalhekk ukoll inattendibbli.

4. Illi t-talba attrici hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma ghandux licenzja biex jopera s-servizz ta' trasport in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-nota a fol 132;
Rat is-sentenza a fol 149 et seq;
Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi dina c-citazzjoni hija identika u titratta dwar l-istess mertu kontenut fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Abela vs Kummissarju tal-Pulizija et noe decizja llum stess. Illi a skans ta' repetizzjoni l-Qorti taghmel riferenza ghall-provi u konsiderazzjonijiet maghmlua f'dika l-kawza li ghandhom japplikaw in toto ghall dina l-kawza.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi
billi tichad it-talbiet ta' l-attur
bl-ispejjez kontra tieghu."

Kif din il-Qorti diga` fissret fis-sentenza ta' Nazzareno Abela, l-aggravji ta' l-appellant Spiteri huma identici ghal dawk ta' Abela, u z-zewg kawzi imxew, kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddien din il-Qorti (Kostituzzjonali) kontestwalment. Ghalhekk din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, sejra taghmel referenza ghall-motivazzjonijiet fis-sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet ***Nazzareno***

***Abela v. Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bhala Chairman, ghan-nom u in rappresentanza tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku liema sentenza qed tigi hawn taht riprodotta bhala Appendici A..***

Ghar-ragunijiet moghtija f'dik is-sentenza, li japplikaw kollha kemm huma ghal din is-sentenza, l-appell ta' Angelo Spiteri qed jigi michud u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fl-ismijiet ***Angelo Spiteri v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** qed tigi konfermata in kwantu cahdet it-talbiet ta' l-attur. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-prim istanza, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Deputat Registratur
gr

**APPENDICI "A"**

**QORTI KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT A DE GAETANO LL.D.**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' April, 2004**

**Numru**

**Rikors Numru: 1540/93GV**

**Nazzareno Abela**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell bhala Chairman, ghan-nom u in rappresentanza tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Preliminari u osservazzjonijiet generali**

Dan hu appell kostituzzjonali minn decizjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' April, 2003. Kemm quddiem il-Prim Awla kif ukoll quddiem din il-Qorti, din il-kawza kienet miexja kontestwalment ma' kawza ohra identika fl-ismijiet ***Angelo Spiteri v. Il-Kummissarju tal-Pulizija u Michael Seychell nhala Chairman, ghan-nom***

***u in rappresentanza tal-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku*** (Citaz. 1539/93 GV). Il-partijiet kienu qablu li l-provi migjuba fiz-zewg kawzi kellhom "japplikaw reciprokament safejn ikun il-kaz" (ara verbal tal-21 ta' Gunju, 1994, fol. 31). Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti tat sentenza motivata f'din il-kawza (ta' Nazzareno Abela) mentri fil-kawza ta' Spiteri ghamlet semplicement referenza ghall-motivazzjonijiet fis-sentenza ta' Abela. Din il-Qorti Kostituzzjonali ser issegwi l-istess procedura, anke peress li quddiemha, kif diga` inghad, il-kawzi gew trattati flimkien u anke l-eccezzjonijiet sollevati mill-avukat ta' l-appellata Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2003 huma identici u nghataw fiz-zewg kawzi. Iz-zewg rikorsi ta' appell huma, riferibbilment ghall-aggravji, identici.

Jigi precizat ukoll ghala din il-kawza bdiet b'citazzjoni u mhux b'rikors. Orginarjament l-appellant (allura attur) talab lill-Prim Awla tal-Qorti Civili sabiex dik il-Qorti tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, johorgu d-debita licenzja tat-triq fir-rigward tal-vetturi (li issa naraw aktar dwarhom) li huwa kien importa f'Malta. Proprjament ma jistax jinghad li l-kawza kienet wahda ta' stharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12, u dan peress li fic-citazzjoni kif originarjament proposta Abela ma kienx qed jitlob li jitwaqqa' xi ghemil amministrattiv, izda kien qed jitlob li l-konvenuti jigu "ordnati" jaghmlu xi haga partikolari taht is-sanzjoni ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Fil-kors tal-kawza, pero`, l-attur issolleva kwistjoni kostituzzjonali (jew, aktar precizament, kwistjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali taht il-Kap. 319). In fatti, permezz tan-nota tieghu tal-24 ta' Gunju, 1996 (fol. 86), l-attur – l-appellant odjern – qal hekk:

**Nota ta' Nazzareno Abela: li bija jissolleva l-kwistjoni kostituzzjonali u koncernanti vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu naxxenti minn diskriminazzjoni projbita effetwata fil-konfront tieghu billi l-istess regolamenti li qed jigu eccepiti fil-konfront tieghu f'din il-kawza ma gewx applikati fil-kaz ta' hrug ta' licenzji ghall-vejikoli <u>identici ghal tieghu</u> u b'hekk hemm vjolazzjoni tal-artikoli 14 tal-Konvenzjoni**

**Ewropea Ewropea u tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni. L-esponent ghalhekk jitlob li l-Qorti joghgobha timxi fir-rigward skond il-ligi.** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili, flok ma investiet mill-ewwel u affrontat il-kwistjoni hija stess – kif kellha taghmel – tat zmien lill-attur (kemm lil Abela kif ukoll lil Spiteri fil-kawza l-ohra) biex jipproponi kawza kostituzzjonali permezz ta' rikors quddiem dik l-istess Qorti pero` diversament presjeduta. L-atturi jidher li hekk ghamlu, u fil-fatt fil-process ta' Spiteri hemm ezibita s-sentenza ta' din il-Qorti (Kostituzzjonali), in parti diversament komposta, tas-16 ta' April, 1999. Permezz ta' dik is-sentenza (tas-16 ta' April, 1999) din il-Qorti kienet ikkonfermat decizjoni tal-Prim Awla (tat-22 ta' Ottubru, 1998) li ddeklinat milli tezercita s-setghat taghha taht l-Art. 4 tal-Kap. 319 ghax irriteniet li r-rikorrent Spiteri kellu rimedju xieraq disposnibbli ghall-ksur minnu lamentat, rimedju li kien jikkonsisti proprju fil-kawza li kien ippropona fejn kien talab li l-Kummissarju tal-Pulizija u/jew l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku jigu "ordnati" johorgu l-licenzja tat-triq ghall-vetturi li huwa kien importa (cioe` il-kawza li minnha qed isir issa l-appell odjern). Ghalhekk il-kwistjoni dwar jekk kienx hemm o meno ksur tad-drittijiet fondamentali ta' Spiteri (u ta' l-appellant odjern, Abela) qatt ma giet deciza – la minn din il-Qorti fis-16 ta' April, 1999 u anqas mill-Prim Awla fis-sentenza taghha tat-22 ta' Ottubru, 1998 – dawn it-tnejn semplicement iddikjaraw li, meta kien gie intavolat ir-rikors kostituzzjonali quddiem il-Prim Awla kien ghad hemm, jew precedentement kien hemm, rimedju iehor xieraq ghall-ksur allegat, u konsegwentement irrifjutaw li jezercitaw is-setghat taghhom skond l-imsemmi Artikolu 4 tal-Kap. 319. Dan kollu qed jigi precisat ghax fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru, 2003 (allura quddiem din il-Qorti kif issa komposta) l-abbili difensur ta' l-Awtorita` appellata "eccepixxa" *"illi l-ghazla tar-rikorrent illi wara s-sentenza tal-Prim Awla intavola rikors ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali ghandha tigi sindakata fid-dawl illi l-istess Qorti Kostituzzjonali fl-appell deciz fis-16 ta' April, 1999 fl-istess ismijiet Rik. Numru 621/97 kienet diga` esprimiet ruhha fis-sens illi r-rikorrent kellu rimedju ordinarju li fil-fatt*

*kien qieghed diga' jutilizzah fil-Qorti Civili Prm Awla"*. Ghalkemm l-Awtorita` appellata ma tghidx espressament hekk, donnha qed teccepixxi xi forma ta' *res judicata*. Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li eccezzjoni simili hi infondata. Is-semplici fatt li l-Prim Awla u din il-Qorti (in parti diversament komposta) fis-sentenzi rispettivi taghhom tat-22 ta' Ottubru, 1998 u 16 ta' April, 1999 iddeklinaw li jezercitaw is-setghat taghhom taht l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 ifisser proprju li ma hemmx decizjoni dwar il-meritu kostituzzjonali – cioe` dwar jekk bl-agir taghhom l-appellati odjerni, konvenuti fl-ewwel istanza, kienux qed jilledu xi dritt fondamentali tal-attur appellant. Permezz ta' dawk iz-zewg sentenzi dawk il-Qrati hallew il-kwistjoni miftuha berah u f'idejn il-Prim Awla li kienet qed tisma' l-kawza (permezz ta' citazzjoni) originali, u ghalhekk kienet perfettament korretta l-ewwel Qorti meta, fis-sentenza li issa tinsab appellata, dahlet biex tinvestiga u tara jekk il-"kwistjoni" sollevata bin-nota tal-24 ta' Gunju, 1996 kienitx fondata o meno. Dik il-Qorti iddecidiet li ma kienetx fondata, u ghalhekk sar l-appell odjern quddiem din il-Qorti (Kostituzzjonali), appell li jgorr mieghu l-kwistjoni originali li ma kienetx ta' natura kostituzzjonali (ara a propositu l-Artikolu 95(2)(f) tal-Kostituzzjoni).

**Ic-citazzjoni originali, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-fatti li rrizultaw**

X'kienu l-fatti allegati, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, kif ukoll il-fatti li rrizultaw mill-provi jinsabu ben delineati fis-sentenza appellata, u ghalhekk din il-Qorti sejra tirriproduci l-partijiet relevanti ta' dik is-sentenza:

**"Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi bis-sahha ta' ittra datata 22 ta' Marzu, 1993 (Dok X) lilhu mibghuta mill-awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, bil-firma tal-General Manager Peter Paul Ripard, l-attur inghata permess jimporta f'Malta tlett "open top buses" biex jintuzaw ghal xoghol ta' trasport privat, basta li jigu

osservati l-kondizzjonijiet hemm stipulati, liema kondizzjonijiet fil-fatt gew accettati mill-istess attur.

Premess illi a bazi tal-awtorizzazzjoni lilhu moghtija kif premess, l-attur effettivament importa f'Malta tlett "open top buses" li gew regolarment sdoganati, wara li thallas id-dazju relattiv, u llum jinsabu fil-pussess tal-istess attur.

Premess illi minkejja li tali "open top buses" ilhom hawn Malta, fil-pussess tal-attur ghal aktar min xahrejn hu ghadu impossibilitat milli jaghmel uzu minnhom ghall-iskop li ghalih gew akkwistati stante li tali vetturi ghad m'ghanhomx in-numru ta' registrazzjoni Maltija.

Premess illi l-ghoti ta' tali numru ta' registrazzjoni jispetta lill-konvenuti il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku, liema Awtoritajiet gew ripetutament mitluba mill-attur sabiex jghatuh in-numri ta' registrazzjoni mehtiega, izda sallum baqghu inadempjenti.

Premess illi dan id-dewmien da parte tal-konvenuti hu ghal kollox ingustifikat u qed jikkawza danni ingenti lill-attur li hu kostrett izomm fil-garage tieghu tali "open top buses" minghajr ma jista' jutilizzahom ghall-iskop li ghalih gew akkwistati u ghal liema skop hu inghata permess specifiku mill-konvenut Michael Seychell nomine.

Premess illi evidentement ghal tali nuqqas ta' koncessjoni tal-imsemmija numri tar-registrazzjoni Maltija huma responsabbli fil-konfront tal-attur il-konvenuti, li huma tenuti jikkoncedulu tali numri ta' registrazzjoni minghajr ulterjuri dewmien.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti, prevja occorrendo dikjarazzjoni li huma jew min minnhom huma tenuti jikkoncedu lill-atturi  in-numri ta' registrazzjoni maltija opportuni sabiex huwa jkun jista' jaghmel uzu regolari mill-"open top buses" fuq indentifikati ghall-iskop li ghalih gew akkwistati u ghal liema skop hu wkoll inghata permess specifiku mill-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, ghaliex ghar-ragunijiet premess:

M'ghandhomx jigu kkundannati huma, jew min minnhom, effettivament jikkoncedu lill-attur in-numri tar-registrazzjoni Maltija relattivi ghal l-imsemmija "open top buses" sabiex hu jkun jista' jaghmel uzu minnhom kif premess , u dana taht dawk il-modalitajiet  u fi zmien qasir u preentorju li jigu lilhom prefissi u ordnati min din l-Qorti ghal tali skop, taht is-sanzjoni tad-disprezz lejn din l-qorti fil-kaz tal-eventwali inadempjenza da parti taghhom.

Bl-ispejjez ,komprizi dawk tal-Protest Giudizzjarju datat 12 ta' Novembru, 1993 u b'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-attur kontra l-konvenuti,senjatament dik ghad-danni, kontra l-konvenuti ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Kummissarju tal-Pulizija** a fol. 17 tal-process  fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, li l-fatti tal-kawza ma jiggustifikawx smiegh bl-urgenza.

2. Illi fl-istat prezenti taghha l-ligi ma tipprovidix ghall-ghoti ta' licenzja ghat-tip ta' trasport pubbliku li jrid jopera l-attur u ghalhekk it-talba ta' l-attur hija infondata.

3. Illi, di piu, il-vetturi in kwistjoni ma jikkonformawx mad-dettami tar-Regolament 173 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur u ghalhekk l-akkoljiment tat-talba ta' l-attur ikun jimporta ksur ta' ligi u t-talba hija ghalhekk ukoll inattendibbli.

4. Illi t-talba attrici hija ukoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma ghandux licenzja biex jopera s-servizzi ta' trasport in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat **in-nota ta l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Seychell nomine** a fol 22 tal-process fejn eccepixxa :

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ligi, fl-istat attwali taghha, ma tipprovdix ghall-ghoti ta' licenzji ghat-tip ta' trasport pubbliku li irid jopera l-attur.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma insostenibbli skond il-ligi, billi l-vetturi importati mill-attur ghall-fini tas-servizz ta' trasport pubbliku li jrid jopera , ma jikkonformawx mad-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, u ghalhekk l-akkoljiment tat-talbiet odjerni ser jimportaw ksur ta' ligi.

3. Illi, in oltre it-talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-attur ma ghandux licenzja biex jopera s-servizz ta' trasport pubbliku in kwistjoni.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

…………………. omissis ………………………

**FATTI**

Illi l-attur kien applika mal Public Transport Authority ghal permess sabiex jimporta u jhaddem f`Malta tlieta 'open top buses' ghal xoghol ta` trasport privat. Illi f`din l-applikazzjoni l-attur kien specifika l-mizuri u l-fatturi kollha tat-tlett vetturi. L-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku kienet tat il-permess necessarju f`ittra datata 27 ta` April, 1993, (kopja annessa u mmarkata Dok. "A" fol 7) bil-kondizzjonijiet hemm imsemmija; in segwitu u a bazi ta` l-istess permess, ir-rikorrent kien importa t-tlett vetturi f`Malta li gew sdoganati, biex ma issirilhomx hsara. Illi kien jonqos biss li tinhareg ir-registrazzjoni tal-vetturi u n-number plates sabiex dawn ikunu jistghu jintuzaw fit-triq ghall-iskop li ghalih gew importati. Izda l-istess registrazzjoni u number plates mill-Kummissarju tal-Pulizija ma inghatawx peress illi l-mizuri tal-vetturi in kwistjoni ma kienux jikkonformaw mar regolamentili jissemmew fil-Motor Vehicle Regulations Artikolu 173. Illi l-istess tlett vetturi ghadhom iggaraxxjati peress illi ma jistghux jintuzaw fit triq minghajr ma tinhareg ir-registrazzjoni taghhom."

L-ewwel Qorti cahdet kemm it-talba tal-attur kif proposta fic-citazzjoni kif ukoll iddecidiet li ma kien hemm ebda forma ta' diskriminazzjoni bi ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea meta moqri ma' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-istess Konvenzjoni.

**L-aggravji ta' l-appellant**

L-ewwel aggravju ta' l-appellant[1] hu, bazikament, li galadarba l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku kienet tat in-*nihil obstat* jew *fiat* taghha ghall-importazzjoni tat-tlett vetturi in kwistjoni, ma setghetx wara – u anqas seta' l-Kummissarju tal-Pulizija – tirrifjuta li tillicenzjahom (fis-sens li ma tinharigx ir-*road license* u ma jigux allokati *number plates*). Skond l-appellant tali decizjoni hija "irragonevoli u *ultra vires* il-poteri" ta' l-imsemmija Awtorita`. Inoltre jissottometti li gie sodisfacentement pruvat li vetturi ohra li ghandhom gholi aktar minn dak stipulat fir-regolament 173 tal-MVR (illum ir-regolament 201[2] tal-A.L. 128 ta' l-1994) gew effettivament licenzjati. Skond l-appellant dan juri li r-regolament in kwistjoni huwa "direttorju" u mhux "mandatorju" fis-sens li l-Kummissarju tal-Pulizija dejjem ghandu diskrezzjoni li jillicenzja vettura bhala *motor omnibus* anke jekk teccedi t-3.2 metri.

Frankament din il-Qorti tqis dana l-argument ta' l-appellant bhala wiehed specjuz u, kif tajjeb osserva l-appellat Kummissarju tal-Pulizija fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' appell, wiehed perikoluz hafna. Apparti l-fatt li meta l-appellant inghata l-permess mill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku sabiex jimporta t-tlett vetturi wahda mill-kundizzjonijiet kienet li *"The vehicles must…conform to Police Regulations at all times…"* (ara d-Dok X, a fol. 7)[3], ma hemm xejn x'jindika li r-regolament in kwistjoni tal-

---

[1] Jerga jigi ribadit li l-appell ta' Nazzareno Abela huwa identiku ghal dak ta' Angelo Spiteri.

[2] Reg. 201: "L-gholi estern ta' kull vettura ma ghandux ikun izjed minn 3.2 metri u l-gholi intern taghha mkejjel mill-wicc ta' l-art ma ghandux ikun anqas minn 1.83 metri sa distanza ta' 1.17 metri, u 1.78 metri sa distanza ta' 800mm., min-naha ta' gewwa tal-bieb ta' emergenza: Izda dan ir-regolament ma ghandux jolqot vetturi ga licenzjati fl-24 ta' Awissu, 1964". Ghall-finijiet ta' din il-kawza dak li hu relevanti huwa l-gholi estern ta' 3.2 metri.

[3] L-istess fir-rigward ta' Angelo Spiteri, ara fol. 6 ta' dak il-process.

MVR huwa wiehed li jaghti xi diskrezzjoni lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tarax kif dan ir-regolament, maghmul in forza tat-*Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65)* jista' jigi osservat fir-rigward ta' xi *motor omnibuses* izda mhux osservat fir-rigward ta' ohrajn. Jekk il-Kummissarju tal-Pulizija llicenzja vetturi li kienu ghola minn 3.2 metri dan ghamlu bi ksur tal-ligi, izda dan il-fatt ma jiggustifikax li huwa (jew l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku) jkompli jikser il-ligi billi jillicenzja wkoll il-vetturi ta' l-appellant. L-appellant jista' jkollu rimedji ohra ghal dana l-agir tal-Kummissarju tal-Pulizija, izda certament mhux li jistieden lil din il-Qorti sabiex tordna lill-istess Kummissarju sabiex (jerga') jmur kontra d-disposizzjoni cara tar-regolament in kwistjoni. Jista' jaghti l-kaz ukoll li l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku naqset jew kienet negligenti meta, galadarba kellha d-dimensjonijiet tal-vetturi li l-appellant ried jimporta, ma gibditlux mill-ewwel l-attenzjoni ghall-problema li setghet tinqala' jew addirittura rrifjutatlu mill-ewwel li huwa jimportahom. Infatti Michael Seychell, allura Chairman ta' l-Awtorita` in kwistjoni, accenna ghal dan in-nuqqas meta xehed (fil-kawza ta' Spiteri) fis-27 ta' Gunju, 1994:

**"Ovvjament peress li dawn m'humiex qeghdin konformi mal-MVR, anke jekk dakinhar ma gbidniex l-attenzjoni, ifisser, ma nafx, ifisser inqasna, imma jekk m'humiex konformi ma' l-MVR ma nistghux nohorgu, jew il-Kummissarju jew xi hadd iehor…[il-licenzja]."** (fol. 79).

Tali negligenza tista' ggib certi konsegwenzi, u l-appellant jista' anke jibbaza ruhhu fuqha biex forsi jottjeni xi rimedji ohra, pero` certament ma jistax jippretendi li din il-Qorti "tikkundanna" lill-konvenuti, jew min minnhom, li johorgu r-*road licence* relattiva. Kienet ghalhekk perfettament korretta l-ewwel Qorti li tikkonkludi li:

**…l-Kummissarju tal-Pulizija li minnu jiddependi l-hrug tan-numri tal-vetturi kien gustifikat li jirrifjuta li jirregistra l-vetturi in kwistjoni. Bil-ligi kif inhi l-**

**Kummissarju ma setax johrog *road licence* bi ksur tar-regolamenti.**

Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

It-tieni u l-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-kwistjoni tad-diskriminazzjoni. Jigi precizat f'dan ir-rigward li fl-udjenza ta' l-1 ta' Dicembru, 2003 id-difensur ta' l-Awtorita` appellata eccepixxa wkoll in-nullita` tar-rikors ta' appell peress li dan ma sarx entro t-termini stabbiliti fil-ligi[4]. Din l-eccezzjoni hija wahda friegha, peress li jirrizulta ampjament li r-rikors ta' appell sar entro t-terminu ta' tmint ijiem tax-xoghol skond il-ligi.

L-appellant jikkontendi, bazikament, illi huwa ipprova li kien hemm vetturi ohra li inhargitilhom licenzja minkejja li kellhom gholi aktar minn dak stabbilit fir-regolament in kwistjoni. Skond l-appellant, galadarba saret din il-prova, kien jispetta lill-konvenuti (l-appellati odjerni) li jippruvaw li kien hemm raguni oggettiva u necessarja (u allura ragjonevoli) ghala dawk gew licenzjati mentri tieghu ma gewx licenzjati. Issa, fir-rigward ta' din il-kwistjoni ta' diskriminazzjoni, l-ewwel Qorti jidher li hadet il-linja li biex ikun hemm diskriminazzjoni kellu jigi ppruvat li vetturi <u>identici</u> ghal dawk ta' l-attur kienu gew licenzjati minkejja li kienu oghla minn 3.2 metri. Skond l-ewwel Qorti, galadarba f'Malta ma kienx hawn "open top buses" bhal dawk li importa l-appellant (kif ukoll l-appellant l-iehor Angelo Spiteri), allura wiehed ma setax iqabbel "like with like" u ma kienitx tqum il-kwistjoni tad-diskriminazzjoni. Infatti l-ewwel Qorti, wara li ccitat xi gurisprudenza kemm tal-Qrati taghna kif ukoll tal-Qorti ta' Strasbourg, qalet hekk:
"Fil-kaz in ezami l-attur qed jissottometti li l-istess regolamenti li qed jigu eccepiti fil-konfront tieghu f'dina l-kawza ma gewx applikati fil-kaz ta' hrug ta' licenzji ghall **vejikoli identici** ghall-tieghu. Issa jirrizulta car mill-provi prodotti li dina kienet l-ewwel darba li giet approvata applikazzjoni biex jigu impurtati open top buses. F'Malta

[4] "Jeccepixxi wkoll illi jekk qatt din l-ghazla tar-rikorrent li jintavola l-appell tieghu direttament quddiem il-Qorti Kostituzzjonali dan kellu jsir entro t-terminu ta' l-appell ta' Qorti Kostituzzjonali illi f'dan il-kaz allura jigi fuori termine."

ma hemmx vetturi identici li setghu jigu trattati b'mod differenti. Kwantu ghal vintage cars, l-attur stess jammetti li dawn mhumiex bhal open top buses li importa (ara xhieda ta' Angelo Spiteri a fol 79 tal-process tieghu).

Angelo Spiteri esebixxa lista ta' coaches (fol 179-180) li skond hu ghandhom mizurazzjonijiet mhux konformi mal MVR izda l-istess gew registrati. Fil-lista li esebixxa pero' ma hemm ebda open top coach jew bus.

L-attur semplicement ipprezenta dina l-lista izda ma specifikax kif dawn mhumiex konformi u stenna li dana jsir mill-konvenuti, meta l-prova ta' diskriminazzjoni jrid jaghmilha l-attur. Da parti tal-konvenuti dawn qalu li ma jafux b'kazijiet specifici li mhumiex konformi mar-regolamenti. Inoltre l-kummissarju kellu diskrezzjoni x'jaccetta dwar tul ta' dawn il-vetturi izda mhux dwar l-gholi kif inhu l-kaz ta' l-attur.

Angelo Spiteri ghamel riferenza ghal vettura partikolari, li mhiex open top bus, ghalhekk mhux like with like, izda li skond hu ghandha gholi ta' 3.5 Volvo Y 0910 u l-konvenut Michael Seychell ipprezenta rapport fejn juri li "the overall height of Volvo (coach) fitted with tyres 900, ghandhom height 3.4m.

Fil-kaz in ezami kien jispetta lill-attur li jipprova li s-sitwazzjoni tieghu kienet analoga ghial dik ta' persuni ohra li fil-paragun maghhom hu kien qed jippretendi li gie zvantaggjat u diskriminat. Haga, li l-Qorti hi tal-fehma, li hu m'ghamilx.

Ghalhekk mhux il-kaz li l-konvenuti jiggustifikaw l-azzjoni allegatament diskriminatorja fil-konfront tieghu."

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax taqbel ghal kollox ma' dan ir-ragunament, kif ukoll ma' l-apprezzament tal-provi li ghamlet dik il-Qorti, ghalkemm, kif ser naraw, sejra tasal ghall-istess konkluzzjoni li waslet ghaliha dik il-Qorti, cioe` li tichad it-talba attrici. Jibda biex jinghad li jkun hemm vetturi "identici" jekk dawna jkunu tal-

istess generu kif klassifikati fil-ligi, u mhux jekk ikunu “identici” f’affarijiet incidentali. Ma hemmx dubbju li l-vetturi li importa l-appellant (kif ukoll dawk li importa Spiteri) jikkwalifikaw bhala *motor omnibus* ghall-finijiet tal-MVR. Ghalhekk dak li jrid jitqabbel huwa *motor omnibus* ma’ *motor omnibus*, irrispettivament jekk din tkunx *single deck*, *double deck* jew *open top* u indipendentement ukoll, naturalment, mill-kulur jew il-ghamla taghha. Fi kliem iehor dak li wiehed irid jara huwa jekk f’dak li huwa essenzjali jew relevanti hemmx identita`, u mhux f’affarijiet incidentali:

**Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in “relevantly” similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated.** [5]

Mid-deposizzjoni ta’ Angelo Spiteri, moghtija fil-kawza tieghu fis-27 ta’ Gunju, 1994, jirrizulta li hemm diversi vetturi li jikkwalifikaw bhala *motor omnibus* li huma ta’ gholi ta’ aktar minn 3.2 metri. Addirittura dana Spiteri fisser li anke huwa stess ghandu vetturi ta’ dan it-tip – hu jsejhilhom *coaches* – licenzjati ghat-triq (ara fol. 85 sa 89 tal-process ***Angelo Spiteri v. Il-Kummissarju tal-Pulizija et.*** Citaz. Nru. 1539/93 GV). Din id-deposizzjoni hi, in parti, korroborata mid-dokument presentat mill-appellat Seychell *nomine* stess a fol. 117, fejn jaghti l-gholi ta’ vettura Volvo, li tintuza fuq “xoghol ta’ servizz bla skeda”, bhala 3.4 metri (Dok. MS 2, fol. 117, process ta’ Spiteri). Id-deposizzjoni ta’ dan Spiteri baqghet ma gietx kontradetta mix-xhieda prodotti mill-konvenuti – dawn ix-xhieda pjuttost baqghu jistqarru l-injoranza kompleta taghhom dwar jekk hemmx *motor omnibuses* licenzjati ghat-triq li jeccedu t-3.2 metri -- ghalkemm ghal xi whud minnhom, bhas-Supretendent Alfred Abela u l-Assistent Kummissarju Joseph Gauci, kienet tkun haga facli hafna ghalihom li, bi ftit investigazzjoni u bl-anqas sforz jew

[5] ***Spadea and Scalabrino v. Italy*** ECHR 28/9/1995, A.315-B, p. 28.

strapazz, jaslu biex ighidu car u tond “iva” jew “le”. Kien ghalhekk jispetta lill-konvenuti li juru jew li ma kienx veru dak li qal Spiteri fid-deposizzjoni tieghu jew li, jekk verament hemm vetturi li jikkwalifikaw bhala *motor omnibus* li kienu jeccedu t-3.2 metri, kien hemm – jekk qatt seta’ jkun hemm, trattandosi *prima facie* ta’ ksur tal-ligi da parti tal-Kummissarju tal-Pulizija – *an objective and reasonable justification* ghala dawk kienu gew licenzjati ghat-triq mentri tieghu (u ta’ Abela) baqghu ma gewx. Mill-provi, kemm fil-kaz ta’ Spiteri kif ukoll fil-kaz ta’ Abela, jirrizulta li l-unika raguni ghala l-vetturi meritu ta’ din il-kawza ma gewx licenzjati hija minhabba l-gholi taghhom (ir-regolament 173 in kwistjoni) Infatti l-Assistant Kummissarju Gauci xehed hekk fit-18 ta’ Lulju, 1994:
**Avukat: Jigifieri jiena qed nifhem sew, illi fl-istadju tal-gurnata tal-lum l-uniku ostakolu skond il-Kummissarju tal-Pulizija hu mhabba din il-kwistjoni ta’ l-gholi (?)**
**Xhud Gauci: Il-*height.***
**Avukat: Dik l-unika oggezzjoni.**
**Xhud Gauci: Ma jidhirx li hemm affarijiet ohrajn, *as far as we are concerned*.** (Fol. 102, process ta’ Spiteri).

Jirrizulta wkoll mill-provi li l-oggezzjoni ghal-licenzjar tal-vetturi gejja mill-Kummissarju tal-Pulizija u mhux mill-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku. Dan ifisser li, filwaqt li l-Kummissarju illicenzja vetturi li jikkwalifikaw bhala *motor omnibuses* (u li huma ta’ gholi ta’ aktar minn 3.2 metri) ta’ persuni ohra, b’mod li dawn setghu allura jaghmlu uzu shih minn dawn il-“possedimenti” taghhom, l-appellant Abela (kif ukoll Angelo Spiteri) gie trattat b’mod differenti u b’mod li gie zvantaggjat minghajr ma ingabet raguni tajba ghal tali trattament differenti. Dan kjarament jammonta ghal forma ta’ diskriminazzjoni da parti tal-Kummissarju, diskriminazzjoni li *prima facie* ma ssibx fondament legali u li hi ghalhekk kundannabbli. Izda d-diskriminazzjoni f’dan il-kaz ma taghtix dritt lil Abela ghal xi rimedju skond il-Konvenzjoni ghas-semplici raguni li tali rimedju jkun jimplika li huwa ghandu xi dritt ghall-licenzja li qed jirreklama, meta fil-fatt, kif rajna, ma ghandux proprju minhabba dak li jipprovdi r-regolament 173 (illum 201) tal-

MVR. Infatti, anqas wiehed jista' proprjament jitkellem dwar il-possibilita` li l-Kummissarju tal-Pulizija javanza *an objective and reasonable justification* ghat-trattament differenti – l-agir tal-awtorita` pubblika f'dan il-kaz jidher li hu fih innifsu agir illegali, cioe` mhux illegali ghax diskriminatorju bi ksur tal-Konvenzjoni izda illegali ghax l-illicenzjar tal-*motor omnibuses* li jeccedu l-gholi stipulat hu kontra l-ligi. Kif tajjeb osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tat-3 ta' Gunju, 1993 fil-kawza fl-ismijiet ***Lawrence Borg v. Chairman tal- Planning Area Permits Board et*** [6]:

**…il-Qorti fl-analizi dwar l-accertament jekk diskriminazzjoni kienx hemm, ma ghandhiex u m'hijiex sejra tmur tibda biex taghmel paraguni, jekk qabel ma jkunx gie ppruvat lilha illi ghat-talba tar-rikorrent biex jinhariglu l-permess tal-bini fuq il-pjanti minnu sottomessi ma kien hemm ebda ostakolu ta' ligi li tikkontrolla l-bini; l-anqas ma ghandha l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi diskriminazzjoni ghandha tigi dikjarata jekk, haddiehor, in kontravvenzjoni ta' tali ligi, thalla fit-tgawdija tal-kostruzzjonijiet mhux koperti minn permess minghajr ma biss gie processat quddiem qorti jew malgradu process jew decizjoni tal-qorti; Anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, ikun hemm ippruvati kazijiet ta' kontravvenzjonijiet bhal dawn, ma jsegwix illi l-istess drittijiet u libertajiet kostituzzjonali li ssemmew ghandhom jiftiehmu li ghandhom ihaddnu fil-protezzjoni taghhom dak kollu li jrid ir-rikorrent anke jekk l-estensjoni tas-sular il-gdid minnu progettat ma tkunx skond il-ligi.**

## Decide

Ghal dawn ir-ragunijiet, u mhux necessarjament ghalhekk ghar-ragunijiet kollha moghtija mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-appell ta' Nazzareno Abela qed jigi michud u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti qed tigi konfermata in kwantu cahdet it-talbiet ta' l-attur. Fic-cirkostanzi l-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-prim istanza, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

[6] Konfermata minn din il-Qorti – cioe` l-Qorti Kostituzzjonali – diversament komposta fit-28 ta' Marzu, 1994.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------